# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 390.01

## REGOLAMENTI DWAR IL-KAMRA TA' L-ARKITETTI

12 ta' Ġunju, 1920

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 202 ta' l-1920, kif emendata: bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 72 ta' l-1934; bl-Att LVIII ta' l-1974; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Att XIII ta' l-1983; bl-Avviż Legali 20 ta' l-1989; u bl-Att VIII ta' l-1990. Jinkorporaw ukoll n-Notifikazzjoni tal-Gvern 264 ta' l-1969.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti dwar il-Kamra ta' l-Arkitetti.

Titolu.

**2.** Il-Kamra ta' l-Arkitetti li għandha bħala skop it-tmexxija 'l quddiem u l-progress tal-professjoni ta' arkitetti u inġinieri ċivili tkun tikkonsisti minn dawk il-persuni kollha li jkollhom *warrant* mill-President ta' Malta biex jeżerċitaw dik il-professjoni, u li joqogħdu għal dawn ir-Regolamenti u għal xi oħrajn li l-Kamra tista' tagħmel bis-saħħa ta' dawn ir-Regolamenti.

Kamra ta' l-Arkitetti. *Emendat: LVIII. 1974.68.*

**3.** It-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Kamra ta' l-Arkitetti tkun fdata lil kumitat li jiġi maħtur darba fis-sena mill-Kamra, u li jkun magħmul minn għaxar membri, li jeleġġu minn fosthom president, viċi president, segretarju u teżorier; sitt membri jifformaw *quorum*. L-ismijiet tal-membri tal-kumitat jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Membri.

**4.** Il-kumitat tal-Kamra ta' l-Arkitetti għandu jikkorispondi mal-Gvern, u viċi versa, dwar il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni, kif ukoll dwar ħwejjeġ oħra ta' interess pubbliku.

Ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni.

**5.** (1) Il-kumitat imsemmi għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq ilment ta' xi persuna, jagħmel inkjesta fil-prattika tal-professjoni ta' arkitetti u inġinieri ċivili, kemm jekk huma jew m'humiex membri tal-Kamra, liema prattika tiġi kunsidrata bħala inkonsistenti mad-dinjità tal-professjoni, u f'abbużi jew nuqqasijiet imputati lilhom fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom jew in konnessjoni ma' ħwejjeġ professjonali.

Inkjesti. *Emendat: A.L. 20 ta' l-1989.*

(2) Meta tkun qiegħda ssir xi inkjesta skond id-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, il-president tal-kumitat imsemmi jkollu s-setgħa li jagħti l-ġurament lil kull xhud u lil kull persuna li jkollhom x'jaqsmu fl-inkjesta, u jeħtieġhom li jixhdu:

Iżda ebda persuna li tixhed quddiem il-kumitat imsemmi ma tista' tkun imġiegħla twieġeb għal mistoqsijiet meta t-tweġiba tista' tesponiha għal proċess kriminali, u kull persuna bħal dik ikollha, dwar kull xiehda tagħha quddiem il-kumitat imsemmi, l-istess privileġġi li għandu xhud li jixhed quddiem il-qorti.

**6.** Meta, fil-fehma tal-kumitat, xi wieħed mill-arkitetti u inġinieri ċivili imsemmi fir-regolament ta' qabel dan jiġi misjub

Piena.

responsabbli ta' xi prattika, abbużi jew nuqqasijiet kif imfisser fir-regolament ta' qabel dan, il-kumitat ikollu s-setgħa li jikkastigah b'ammonizzjoni jew sospensjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar, jew b'sospensjoni għal kull żmien jew tneħħija ta' persuna tali minn membru tal-Kamra ta' l-Arkitetti. Kull deċiżjoni li tinvolvi sospensjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Deċiżjonijiet.

**7.** Ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni mill-kumitat, bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tar-regolament fuq imsemmi, kontra arkitett u inġinier ċivili jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu l-opportunità kollha biex jiskolpa ruħu, u ebda deċiżjoni tali ma tkun valida jekk ma jkunx hemm favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti fil-laqgħa tal-kumitat.

Dritt ta' appell.
*Emendat: A.L. 148 ta' l-1975.*

**8.** Kull arkitett u inġinier ċivili, li jkun ingħata piena taħt ir-regolamenti 5 u 6, jkollu d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell kemm-il darba jippreżenta rikors għal hekk fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jirċievi l-avviż tad-deċiżjoni dwaru. Il-Qorti ta' l-Appell jkollha s-setgħa li tħassar jew timmodifika d-deċiżjoni tal-kumitat tal-Kamra ta' l-Arkitetti, u li tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż ta' l-appel.

Deċiżjonijiet tal-kumitat.

Kap. 9.

**9.** Id-deċiżjonijiet mogħtija mill-kumitat tal-Kamra ta' l-Arkitetti, jew mill-Qorti ta' l-Appell, skond ir-regolamenti 6 u 7, ma jippreġudikawx ebda azzjoni li tkun tista' tittieħed skond il-Kodiċi Kriminali jew skond xi liġi oħra applikabbli għall-każ.

Sospensjoni.
*Emendat: VIII. 1990.3.*

Kap. 9.

**10.** Jekk arkitett u inġinier ċivili li jkun ġie sospiż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jagħmel, matul il-perijodu ta' dik is-sospensjoni, xi att li juri l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, dan ikun jista' jeħel, wara li jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-pieni stabbiliti mill-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet.

Egħmil ta' regolamenti.

**11.** Il-Kamra ta' l-Arkietti jkollha s-setgħa li tagħmel regolamenti dwar il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Kamra, tal-kumitat tagħha, il-laqgħat tal-Kamra u tal-kumitat, il-proċedura li għandha tiġi segwita f'dawn il-laqgħat, il-ħlas ta' miżata mill-membri tal-Kamra, u dawk ir-regolamenti l-oħra li jkunu jidhru meħtieġa jew utili għaż-żamma tal-Kamra u l-ksib ta' l-iskop tagħha. Dawn ir-regolamenti, qabel ma jiġu fis-seħħ, għandhom jiġu sottomessi lil, u jiġu approvati mill-Gvern.

SKEDA

(Regolament 11)

*N.G.264 ta' l-1969, inkorporata.*

**Regolamenti tal-Kamra tal-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili**

Twaqqif. Kap. 390.

**1.** Il-Kamra tal-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili hija mwaqqfa skond l-Att dwar l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti) bis-saħħa tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 202 tat-12 ta' Ġunju, 1920, u għandha bħala skop it-tmexxija 'l quddiem tal-professjoni, id-difiża tad-drittijiet tagħha u t-tiżmim tal-prestiġju ta' l-istess professjoni.

Sedi.

**2.** Il-Kamra għandu jkollha s-sedi tagħha fejn għandhom jinżammu l-laqgħat kollha kemm-il darba minn żmien għal żmien ma jiġix deċiż xort'oħra mill-kunsill. Is-sedi tagħha tinżamm miftuħa fil-ġranet kollha tax-xogħol matul il-ħinijiet normali tax-xogħol.

Membri. Kap. 390.

**3.** Ikun jista' jidħol membru tal-Kamra kull min ikollu l-*warrant* biex jeżerċita f'Malta bħala perit arkitett u inġinier ċivili u dan skond it-tifsir mogħti fl-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti). Dawn il-persuni kollha jkunu jikkwalifikaw bħala membri totali.

Grad ta' membru onorarju.

**4.** Jiġi wkoll provdut għal membri onorarji u membri korrispondenti fil-każ ta' persuni li, filwaqt li jkunu kisbu l-*warrant* imsemmi fir-regolament 3 ta' hawn fuq, ikunu qed jgħixu barra minn Malta. Il-kumitat, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-kunsill, jista' ukoll jikkonferixxi l-grad ta' membru onorarju lil kull persuna li tkun tgħix f'Malta jew barra minn Malta, li skond l-opinjoni unanima tal-kunsill, kemm bil-*warrant* lokali biex teżerċita perit arkitett u inġinier ċivili kemm jekk le, tkun ikkontribwiet fl-imgħoddi għat-tmexxija 'il quddiem ta' dawn il-professjonijiet.

Applikazzjoni għal membru totali. *Emendat: XIII.1983.5.*

**5.** Biex wieħed ikun membru totali għandu japplika bil-miktub lis-segretarju onorarju tal-Kamra u dan għandu jissottometti l-applikazzjoni lill-kunsill fi żmien tletin ġurnata minn meta jkun irċeviha. Meta l-applikazzjoni tiġi aċċettata minn mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri tal-kunsill preżenti fl-ewwel laqgħa miżmuma fiż-żmien ta' tletin ġurnata fuq imsemmija, l-applikant jiġi nformat bil-miktub u jiġi mitlub iħallas dritt ta' ammissjoni ta' lira.

Dritt ta' sottoskrizzjoni. *Emendat: XIII.1983.5.*

**6.** Id-dritt ta' sottoskrizzjoni fis-sena jkun ta' erba' liri li jitħallas, jekk ikun hekk mixtieq, f'erba' rati indaqs ta' lira l-waħda kull tliet xhur. Din is-sottoskrizzjoni hija obbligatorja minn sena għal sena sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Ebda sottoskrizzjoni bħala tali, ħlief il-lira bħala dritt ta' ammissjoni, ma għandha titħallas mill-membri ġodda li jkunu membri għall-ewwel darba għall-perijodu sa l-aħħar tas-sena li fiha jkunu ġew aċċettati bħala membri totali mill-kunsill.

Nuqqas ta' ħlas.

**7.** Fin-nuqqas ta' ħlas ta' żewġ rati trimestrali konsekuttivi ta' sottoskrizzjoni, membru totali jista' jiġi miċħud milli jibqa' membru tal-Kamra salv kull dritt ieħor għall-pagament forzat ta' l-ammonti dovuti.

Meta wieħed itemm milli jibqa' membru.

**8.** Kull min ikun jixtieq li jispiċċa milli jibqa' membru totali tal-Kamra għandu jagħti avviż bil-miktub lis-segretarju onorarju

tletin ġurnata qabel id-data li fiha jkun dovut il-ħlas tad-dritt talli jkun membru, u f'nuqqas jitqies li jkun ġedded l-istat tiegħu ta' membru għal perijodu ieħor ta' sena.

Eliġibbiltà biex wieħed jifforma parti mill-kunsill.

**9.** Il-membri totali biss ikunu eliġibbli biex jifformaw parti mill-kunsill u jkollhom id-dritt għal vot wieħed fl-elezzjoni tal-kunsill.

Dritt għal vot.

**10.** Kull membru totali jkollu dritt għal vot wieħed f'kull laqgħa.

Tħaris.

**11.** Il-membri totali kollha għandhom iħarsu dawn ir-regolamenti. Kull min ikollu *warrant* biex jeżerċita bħala perit arkitett u inġinier ċivili għandu jħares il-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti u t-Tariffa tad-Drittijiet rikonoxxuta li hemm fit-Tariffa K ta' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'każ ta' nuqqas. il-kunsill ikun jista' jieħu dik l-azzjoni li l-membri tiegħu, wara li jikkunsidraw il-każ, jiddeċiedu biex jiżguraw it-tħaris sħiħ. Din l-azzjoni tinkludi ammonizzjoni jew sospensjoni ta' persuna tali mill-eżerċizzju tal-professjoni għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar jew sospensjoni għal kull żmien jew tneħħija ta' persuna tali minn membru tal-Kamra, jekk ikun membru. Kull deċiżjoni li tinvolvi sospensjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, kif provdut bir-regolament 5 tar-Regolamenti tal-Kamra tal-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili.

Kap. 12.

L.S. 390.01

Deċiżjonijiet kontra membri.

**12.** Ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni mill-kunsill bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti fuq imsemmija kontra membru tal-professjoni jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu l-opportunità kollha biex jiskolpa ruħu u ebda deċiżjoni tali ma tkun valida jekk ma jkunx hemm favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti fil-laqgħa tal-kunsill b'minimu ta' sitt persuni preżenti bħala *quorum*.

Dritt ta' appell. *Emendat: A.L. 148 ta' l-1975.*

**13.** Kull membru tal-professjoni, kemm jekk membru tal-Kamra kemm jekk le, li jkun ġie hekk misjub ħati jkollu d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell kemm-il darba jippreżenta rikors għal hekk fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-kunsill. Il-Qorti ta' l-Appell jkollha s-setgħa li tikkonferma, timmodifika jew tħassar id-deċiżjoni tal-kunsill u li tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

Deċiżjonijiet. *Emendat: A.L. 148 ta' l-1975.* Kap. 9.

**14.** Id-deċiżjoni mogħtija mill-kunsill jew mill-Qorti ta' l-Appell ma tippreġudika ebda azzjoni li tkun tista' tittieħed skond il-Kodiċi Kriminali jew skond xi liġi oħra applikabbli għall-każ.

Sospensjoni. *Emendat: VIII. 1990.3.*

**15.** Jekk min ikun ġie sospiż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jagħmel, matul il-perijodu ta' dik is-sospensjoni, xi att li juri l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, dan ikun jista' jeħel, wara li jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-pieni stabbiliti mill-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet.

Kap. 9.

Il-kunsill.

**16.** Il-kunsill ikun magħmul minn għaxar membri totali eletti bil-votazzjoni ta' mill-anqas għoxrin membru f'laqgħa ġenerali li għandha tinżamm fix-xahar ta' Diċembru.

**17.** Wara l-elezzjoni tal-kunsill, il-membri totali eletti għandhom jinnominaw bejniethom il-president, il-viċi president, it-teżorier onorarju u s-segretarju onorarju. Nominazzjoni minn membri totali.

**18.** Il-president ikollu s-setgħa: Setgħat tal-president.

(*a*) li jsejjaħ il-laqgħat kollha kemm ġenerali jew tal-kunsill;

(*b*) li jippresjedi dawk il-laqgħat;

(*ċ*) li jfiehem il-materji li jkunu sejrin jiġu diskussi u l-kwistjonijiet li jkunu sejrin jiġu deċiżi;

(*d*) li jiżgura l-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda;

(*e*) li jiżgura li jinżammu l-minuti tal-laqgħat u li fil-laqgħat sussegwenti li jitlob li l-minuti jiġu moqrija lill-membri preżenti sabiex tiġi żgurata l-korrettezza tagħhom;

(*f*) li jissottometti fil-laqgħa ġenerali ta' Diċembru msejħa għall-elezzjoni tal-kunsill il-ġdid, rapport tax-xogħol magħmul mill-Kamra matul dik is-sena;

(*g*) li jirrappreżenta l-Kamra fl-okkażjonijiet kollha.

**19.** Il-viċi president għandu, fl-assenza tal-president, jaġixxi minfloku u f'dak il-ħin għandu jeżerċita l-istess setgħat. Il-viċi president.

**20.** It-teżorier onorarju għandu jamministra l-finanzi tal-Kamra. Huwa għandu ukoll jiżgura l-ġbir tad-drittijiet kollha pagabbli mill-membri u għandu jirrappreżenta l-Kamra f'kull ħaġa ġudizzjarja. It-teżorier.

**21.** It-teżorier onorarju għandu jżomm kotba xierqa tal-kontijiet u fil-laqgħa ġenerali ta' Diċembru għandu jissottometti rendikont dettaljat ġustifikat bil-*vouchers* għall-eżami tal-membri kollha preżenti li għal dan l-iskop għandhom jinnominaw bejniethom żewġ udituri biex jeżaminaw il-kotba. Kotba xierqa tal-kontijiet.

L-udituri jkollhom is-setgħa li jitolbu kull tagħrif ieħor lit-teżorier onorarju kif jidhrilhom meħtieġ.

**22.** Ebda membru ma għandu jagħmel ebda spiża f'isem il-Kamra mingħajr l-awtorizzazzjoni tat-teżorier onorarju, liema awtorizzazzjoni ma għandhiex tinżamm jekk fil-fatt din tkun approvata minn mill-inqas seba' membri tal-kunsill li jkunu ħadu deċiżjoni dwar din il-ħaġa waqt laqgħa tal-kunsill. It-teżorier onorarju jista' jiddelega kull wieħed mid-dmirijiet tiegħu lis-segretarju permanenti, iżda suġġett għall-approvazzjoni tal-president. Spiża.

**23.** Is-segretarju onorarju jkun inkarigat mill-korrispondenza kollha u minn kull komunikazzjoni mal-membri kif ukoll ma' min ma jkunx membru, eskluża dik il-korrispondenza li tkun tirreferixxi għal ħwejjeġ finanzjarji li, bħala tali, jiġu ttrattati mit-teżorier onorarju. Is-segretarju onorarju.

**24.** Is-segretarju onorarju għandu jżomm il-minuti ta' kull laqgħa kif ukoll l-isem kollu, il-kwalifiki u l-indirizz ta' kull membru, kemm jekk ikun membru totali, membru onorarju jew membru korrispondenti. Dmirijiet tas-segretarju onorarju.

Dmirijiet oħra tas-segretarju onorarju.

**25.** Is-segretaeju onorarju għandu jieħu ħsieb l-arkivji tal-Kamra, lema arkivji għandhom jinkludu l-korrispondenza, id-dokumenti, il-kotba (esklużi l-kotba tal-kontijiet), u b'mod ġenerali anki kull notament li huwa jista' minn żmien għal żmien jiġi mitlub li jżomm dwar id-deliberazzjonijiet, l-attivitajiet u l-ħidma tal-Kamra.

Assenza tas-segretarju.

**26.** Fl-assenza tas-segretarju onorarju, il-president jew min ikun qiegħed jaġixxi minfloku, jista' jinnomina kwalsijasi membru ieħor tal-Kunsill biex jaġixxi f'din il-kariga.

Delega tad-dmirijiet.

**27.** Is-segretarju onorarju jista', bl-approvazzjoni tal-president, jiddelega kull wieħed mid-dmirijiet tiegħu lis-segretarju permanenti.

Laqgħat ġenerali.

**28.** Il-president u, fl-assenza tiegħu, l-viċi president, għandu jistabbilixxi d-data, l-ħin u l-post ta' laqgħa tal-laqgħat ġenerali kollha.

Talba għal laqgħa ġenerali.

**29.** Meta l-president jirċievi talba miktuba għal laqgħa ġenerali, iffirmata minn mill-inqas għaxar membri totali, huwa għandu, fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta jirċievi t-talba, isejjaħ laqgħa ġenerali sabiex tiġi diskussa l-ħaġa msemmija fit-talba ffirmata.

*Quorum.*

**30.** Il-*quorum* għal laqgħa ġenerali jkun ta' għoxrin membru totali oltri l-president jew il-viċi president, iżda b'dan illi jekk meta l-laqgħa tiltaqa' għall-ewwel darba ma jkunx hemm *quorum* għandha tissejjaħ tieni laqgħa u matulha kull deċiżjoni meħuda tkun valida irrispettivament minn-numru ta' persuni preżenti.

Notifika permezz ta' ċirkolari dwar laqgħa ġenerali.

**31.** Il-laqgħat ġenerali għandhom jiġu notifikati lill-membri totali kollha permezz ta' ċirkolari ffirmata mis-segretarju onorarju u mpustata mill-inqas sitt ijiem qabel id-data li fiha tkun sejra tinżamm il-laqgħa. Din in-notifika għandha tagħti informazzjoni ċara tal-ħaġa li tkun sejra tiġi diskussa, iżda l-president jista' jippermetti d-diskussjoni ta' kull ħaġa oħra li fl-opinjoni tiegħu tkun kunsidrata ta' natura urġenti.

Laqgħa ġenerali waħda għall-inqas darba fis-sena.

**32.** Għandha tinżamm matul kull sena mill-inqas laqgħa ġenerali waħda fix-xahar ta' Diċembru.

Deċiżjonijiet jittieħdu bil-maġġoranza ta' voti.

**33.** Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu bil-maġġoranza ta' voti ħlief fil-każ ta' bidla f'dawn ir-Regolamenti jew fil-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali, f'liema każi l-vot ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri preżenti jkun meħtieġ biex jivvalida kull deċiżjoni.

F'każ ta' voti ndaqs, il-president ikollu vott deċisiv b'żieda għall-vot oriġinali tiegħu.

Assenza tal-president u tal-viċi president.

**34.** Meta kemm il-president u kemm il-viċi president ma jistgħux jattendu għal laqgħa ġenerali, is-Sedja tittieħed minn membru elett mil-laqgħa.

Laqgħat tal-kunsill.

**35.** Il-president għandu jistabbilixxi d-data, l-ħin u l-post ta' laqgħa tal-laqgħat kollha tal-kunsill.

Talba bil-miktub.

**36.** Meta l-president jirċievi talba miktuba għal laqgħa tal-kunsill iffirmata minn mill-inqas erba' membri tal-kunsill, il-president għandu fi żmien sebat ijiem isejjaħ dik il-laqgħa sabiex

tiġi diskussa l-ħaġa msemmija fit-talba ffirmata.

*Quorum* għal laqgħa tal-kunsill.

**37.** Bla ħsara tar-regolament 12 ta' dawn ir-Regolamenti, l-*quorum* għal laqgħa tal-kunsill ikun ta' sitt membri, ożfda dik il-laqgħa tkun tista' tinżamm l-istess jekk wara tletin minuta mill-ħin stabbilit għal-laqgħa jkun hemm preżenti mill-inqas erba' membri. Fl-assenza tal-president u tal-viċi president, il-membri jistgħu jinnominaw bejniethom *chairman* għal dik il-laqgħa.

Notifika dwar laqgħa tal-kunsill.

**38.** Ħlief fil-każi kunsidrati urġenti mill-president, il-laqgħat tal-kunsill għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-membri kollha tal-kunsill mill-inqas ħamest ijiem qabel id-data tal-laqgħa u dik in-notifika għandha tagħti indikazzjoni ċara tal-ħaġa li tkun sejra tiġi diskussa. Iżda l-president jista' jippermetti diskussjonijiet dwar kull ħaġa kunsidrata bħala urġenti.

Deċizjonijiet jittieħdu b'maġġoranza ta' voti.

**39.** Id-deċizjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' voti. f'każ ta' voti ndaqs, il-president ikollu vot deċiżiv b'żieda għall-vot oriġinali tiegħu.

Vakanzi.

**40.** Kull vakanza li tinħoloq fil-kunsill għandha tiġi mimlija fi żmien tletin ġurnata, permezz ta' l-adozzjoni tal-membru totali li fl-aħħar laqgħa ġenerali kellu l-akbar numru ta' voti fost dawk mhux eletti.

Disposizzjonijiet ġenerali.

**41.** Kull min għal xi raġuni ma jibqax membru totali tal-Kamra jitlef kull dritt jew privileġġ li kieku kien jgawdi bħala membru totali.

Responsabbiltà għal ħsara.

**42.** Kull membru jinżamm responsabbli għal kull ħsara kaġunata minnu jew minħabba negliġenza tiegħu fil-proprjetà tal-Kamra.

Direzzjoni u amministrazzjoni.

**43.** Id-direzzjoni u l-amministrazzjoni tal-Kamra tkun taħt ir-responsabbiltà sħiħa tal-kunsill.

Konsultazzjoni mal-Gvern.

**44.** Il-kunsill tal-Kamra għandu jikkonsulta ruħu mal-Gvern u viċi versa dwar kull ħaġa li tolqot l-professjoni f'kull aspett tagħha kif ukoll dwar kull ħaġa oħra li tkun ta' interesss pubbliku u li jkollha x'taqsam mal-professjoni.

Nomina ta' segretarju permanenti.

**45.** Il-kunsill jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jinnomina segretarju permanenti fuq bażi ta' salarju, iżda, f'dan il-każ, għandha tittieħed l-approvazzjoni ta' mill-inqas tmien membri tal-kunsill. Iżda fil-każ ta' din in-nomina, il-persuna hekk impjegata għandha tibqa' fil-kariga biss sal-laqgħa ġenerali ta' Diċembru sussegwenti, iżda dik in-nomina tkun tista' tiġi mġedda mill-kunsill li jidħol fil-kariga ukoll bil-vot ta' tmien membri favur li jsir hekk.

Emblema.

**46.** Il-Kamra tal-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili tadotta bħala emblema tagħha d-disinn li jidher fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA

**Kodiċi ta' Kondotta Professjonali**

1. Membru ma għandux jokkupa, jassumi jew xjentement jaċċetta kariga li fiha l-interess tiegħu jkun kontra d-dmirijiet professjonali tiegħu.

2. Membru jirċievi rimunerazzjoni biss bid-drittijiet professjonali tiegħu li jitħallsu mill-klijenti tiegħu u/jew bis-salarju tiegħu li jitħallas mill-prinċipal tiegħu. Hu ma jkunx jista' jieħu rimunerazzjoni minn riżorsi oħra relattiva għax-xogħol u għad-dmirijiet fdati lilu. Huwa d-dmir ta' membru li jżomm u japplika l-iskala ta' drittijiet professjonali li għandhom jitħallsu lil periti arkitetti u inġinieri ċivili skond it-Tariffa K ta' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Membru ma għandux jagħmel riklam dwar jew joffri s-servizzi professjonali tiegħu lil xi persuna jew għaqda ta' persuni permezz ta' ċirkolarijiet jew xort'oħra, jew jagħmel avviż bil-ħlas fl-istampa minbarra li -

(*a*) jista' japplika għand prinċipali prospettivi għal nomina bis-salarju;

(*b*) jista' jagħmel avviż dwar nomina professjonali, miftuħa jew meħtieġa;

(*ċ*) jista' jinserixxi fl-istampa tliet avviżi fl-istampa dwar bidla waħda ta' indirizz.

4. Membru jista' jħalli li illustrazzjonijiet iffirmati u deskrizzjonijiet tax-xogħol tiegħu jiġu pubblikati fl-istampa, imma ma għandux jagħmel ħlas dwar dawk l-inserzjonijiet.

5. Membru ma għandux jipprova jissupjanata membru ieħor, u lanqas ma għandu jikkompeti ma' arkitett ieħor permezz ta' tnaqqis tad-drittijiet jew b'xi tentativi oħra.

6. Meta membru jiġi avviċinat jew imqabbad biex jkompli xogħol professjonali li qabel kien qed jaħdem fuqu xi membru ieħor. għandu javża dwar dan il-fatt lil dak l-arkitett.

7. Ebda membru ma għandu juża l-kariga tiegħu fuq xi bord li joħroġ permessi għall-bini biex jikseb għalih innifsu permess biex jagħmel xogħlijiet.

8. Fil-każijiet kollha ta' kwistjonijiet bejn sid ta' bini u kuntrattur, membru għandu jaġixxi b'mod imparzjali. Hu għandu jfisser il-kondizzjonijiet ta' kuntratt b'imparzjalità sħiħa bejn is-sid ta' bini u l-kuntrattur.

9. Membru ma għandux jieħu sehem f'kompetizzjoni ta' arkitettura u inġinerija ċivili li dwarha l-Kamra tkun iddikjarat li l-membri ma għandhomx jieħdu sehem fiha.

10. Membru li jikkonsenja l-prattika tiegħu lil membru ieħor minħabba li hu jkun ser jieħu impieg *full-time* temporanju jew permanenti mal-Gvern, ma għandux juża n-nomina tiegħu biex jivvantaġġa l-prattika li hu jkun ikkonsenja.

IT-TIENI SKEDA

**Emblema**